MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 672/2011

**Avv. Emmanuel Mallia (K.I. 95152M) u**
**Avv. Alex Perici Calascione (K.I. 589762M)**
**Vs**
**Charlot Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi ppremettew illi prevja kull dikjarazzjoni necessarja, li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, tliet mija u tliet ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,303.83) lill-atturi, rapprezentanti servizzi resi fuq inkarigu tal-istess konvenut, u liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet u weghdiet ta' hlas; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tad- 29 ta' Dicembru, 2010, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-26 ta’ Marzu, 2012 mill-Avukat James D’Agostino u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf, tliet mija u tliet ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,303.83) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------